MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru. 628/2012

Il-Pulizija
(Sp Rosanna Debattista)
vs
Christine Farrugia, bint Silvio, imwieled Pieta' fl-4 ta' April, 1988, karta ta' l-identita numru 175988(M)
u
Stephanie Farrugia, bint Silvio, imwielda Pieta' fl-10 ta' Settembru, 1992, karta ta' l-identita numru 439692(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata **Christine Farrugia**:
1. talli f'Jannar, 2012 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila,

setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, għamlet qliegħ ta’ €655.91 għad-dannu ta’ Roger Calleja u/jew il-Bank of Valletta plc;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi;
3. talli b’wieħed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 179 tal-Kodiċi Kriminali għamlet falsifikazzjoni fi skrittura private li tkun tista’ tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli skont l-artikolu 187 tal-Kodiċi Kriminali;
4. talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalija nnifisha jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;
5. talli għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument ieħor falsifikat;
6. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha xi ħaġa li kienet taf li kienet misruqa jew meħuda b’qerq jew akkwistata b’reat naqset milli tgħarraf lill-pulizija b’dan il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta saret taf;
u kontra l-imputata **Stephanie Farrugia**:
7. talli xjentement laqgħat għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat;
8. talli xjentement għenet jew assistiet lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew ikkunsmat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputati raddew lura s-somma ta’ €655.91 lill-Bank of Valletta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Novembru, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' **Christine Farrugia**, rat l-artikoli 309, 310(1)(b), 183, 188 u 334A tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Fil-konfront ta' **Stephanie Farrugia**, rat l-artikoli 334(a) u 42(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------